DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 55/2011

tal-20 ta' Mejju 2011

li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 38/2011 tal-1 ta' April 2011 [1].

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/47/UE tal-5 ta' Lulju 2010 li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ispezzjoni teknika fil-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/48/UE tal-5 ta' Lulju 2010 li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet tal-kundizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/378/UE tal-5 ta' Lulju 2010 dwar il-valutazzjoni tad-difetti waqt l-ittestjar ta' vetturi għat-triq skont id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet tal-kundizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq [4] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 17h (id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32010 L 0047**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/47/UE tal-5 ta' Lulju 2010 (ĠU L 173, 8.7.2010, p. 33)."

2. Dan li ġej għandu jiżdied mal-Punt 16a (id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

", kif emendat permezz ta':

— **32010 L 0048**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/48/UE tal-5 ta' Lulju 2010 (ĠU L 173, 8.7.2010, p. 47)."

3. Taħt l-intestatura "*ATTI LI TAGĦHOM IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦANDHOM JIEĦDU NOTA*" il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-punt 36c (ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/379/UE):

"36d. **32010 H 0378**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/378/UE tal-5 ta' Lulju 2010 dwar il-valutazzjoni tad-difetti waqt l-ittestjar ta' vetturi għat-triq skont id-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet tal-kundizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq (ĠU L 173, 8.7.2010, p. 74)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2010/47/UE u 2010/48/UE u r-Rakkomandazzjoni 2010/378/UE, fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Mejju 2011, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

[1] ĠU L 171, 30.6.2011, p. 39.
[2] ĠU L 173, 8.7.2010, p. 33.
[3] ĠU L 173, 8.7.2010, p. 47.
[4] ĠU L 173, 8.7.2010, p. 74.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA